# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR**
**Grazio Mercieca LL.D**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Jannar 2001**

**Citazzjoni Numru 72/00GT- GM**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**-vs-**

**Andar Hotel Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' royalty fl-ammont ta' mija tmienja u sebghin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm178.19) kwantu ghal mija erbgha u hamsin lira Maltin u shamsa u disghin centezmii (Lm154.95) Royalty u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm23.24) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru 8446 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Andar Hotel, ghall-perjodu mis-s6 ta' Awissu 2000 sal-5 ta' Awissu 2001.**

**Is-socjeta' attrici qeghdha titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru 2000 kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez ;**

**Ikkunsidra**

**Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata la pprezentat risposta u l-anqas ma dehret g]as-seduti ta' dan it-Tribunal;**

**Illi jirrizulta illi l-istess socjeta' konvenuta hallset is-sorte fil-mori ta' din il-kawza;**

**Illi jirrizulta illi din il-kawza saret gustament ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba;**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament g]all-ispejjez ta' din l-istanza komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 t'Ottubru 2000 liema spejjez ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.**

**(ft.) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**(Ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**Ghar-Registratur**